

# *Il-pittura ta'*
# ĠUŻEPPI CALÌ
## (1846-1930)

*Rapport mid-Direttur tal-Proġett*
***Rev. Charles Vella***

**L-ewwel kwadru ta' dan l-artist li fuqu qed isir ir-restawr huwa proprju It-Tħabbira tal-Anġlu lil Marija. Din is-sena taħbat il-mitt sena minn meta kien ikkummisjonat dan il-kwadru mill-kappillan Dun Franġisk Mizzi.**

It-Trattamenti ta' konservazzjoni u restawr li kellhom isiru fuq dan il-kwadru jikkonsistu f'dan li ġej:

1. Ġew imneħħija verniċijiet qodma ta' kompożizzjoni organika, li maż-żmien sfaru u saru fil-kannella. Dawn kellhom effett kromatiku ġenarali fuq il-kwadru, li beda jidher għajjien, skur, u mitfi.
2. Ġew imnaddfa wkoll ħafna ħmieġ ta' nugrufun, u trab li nġabar mal-medda taż-żmien.
3. Ġew imnaddfa ukoll infestazzjonijiet organiċi, bħal fungus li huma aċidużi u tebbgħu l-kulur f'ċerti partijiet tal-kwadru.
4. Saret integrazzjoni minima, fejn kien meħtieġ, b'żebgħa professjonali ta' natura riversibli, u li ma jinbidlux maż-żmien fuq xi tbajja żgħar, jew kulur nieqes (micro losses) li ma setgħux jiġu mneħħija kompletament'
5. Il-kwadru ġie mnaddaf ukoll minn wara mill-ħafna trab u fungus li trabba minħabba l-umdità għolja fl-arja.
6. Ġie ttrattrat ukoll it-tilar li fuqu hija stirata t-tila, minn susa jew attakki organiċi oħra.
7. Il-kwadru ġie mogħti verniċ finali (satin finish) li huwa verniċ sintetiku professjonali ta' natura riversibli, u li ma jisfarx jew jiskura maż-żmien, minħabba l-UV.
8. Ġew trattati il-burduri, u xi difetti żgħar ħafna strutturali tal-kwadru.
9. Dan-ir-restawr u interventi ta' konservazzjoni, saru fuq riċerka xjentifika, kif ukoll dokumentazzjoni intensiva qabel, u wara li sar ix-xogħol fuq dan il-kwadru sabiħ, u mill-aqwa ta' Gużeppi Cali.

Dan ir-restawr kien approvat mill-kummissjoni Patrimonju tad-djocesijiet ta' Malta u Għawdex wara li ġew ippreżentati r-rapporti preliminari għal kull kwadru. Ix-xogħol kollu qed jiġi ffinanzjat mill-Bank of Valletta plc u l-parroċċa.